MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1445/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agenta u mandatarja tas-socjeta' estera CGU ta' Perth, Scotland, kif surrogata fid-drittjiet ta' l-assigurata taghha Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Sullivan Maritime Limited bhala agenti u mandatarji tas-socjeta' estera Grimaldi Compagnia di Navigazione**
**spa u bhala agenti tal-vapur MV Malta Express**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta nomine tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm381.81) rappresentanti hsarat u nuqqasijiet

fuq karozza Jaguar li wasslet Malta fis-6 ta’ Ottubru 2000 abbord il-vapur, MV Malta Express.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’l-avviz kontra s-socjeta konvenuta noe, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenutaipprezentata fid-9 ta’ Lulju 2002, fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-esponenti ma hijiex responsabbli ghad-danni relattivi.

Sema' x-xhieda ta’ Paul Ellul u Carmel Camenzuli, Peter Bonello, Ernest Sullivan, Dennis Stariano, Brian Pace u Gordon Axiaq

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta attrici qieghda tirreklama danni li hija giet kostretta thallas abbazi ta’ polza ta’ l-assikurazzjoni f’vettura tal-marka Jaguar, li giet importata mill-assikurat taghha u cioe’ is-socjeta Gasan Enterprises Limited, liema vettura kien fiha telefon cellulari nieqes u kien fiha ukoll tbajja fuq *luggage boot* taghha. Manadakollu jidher illi permezz tal-presenti istanza s-socjeta attrici qieghda titlob biss il-hlas tat-telefon nieqes li kien hemm fil-vettura u dana skond kif jidher mir-ricevuta, Dokument GM3 esebieta  a fol.19 tal-process.

Illi s-socjeta konvenuta min-naha taghha qieghda tikkontendi illi ma hemmx prova illi din il-vettura kellha bhala accessorju dan il-*mobile telephone*, jew li l-istess kien presenti meta l-vettura tghabbiet fuq il-vapur. (ara xhieda ta’ Ernest Sullivan).

Illi d-dokumenti relattivi fil-kaz in dizamina huma il-polza ta’ kariku (esebita Dokument GM1 a fol.17), it-*tally sheet* (esebita Dokument GM5 a fol.22) u il-*Gate Pass Out*

(esebita a fol.23 tal-process). Illi l-polza ta’ kariku tindika illi l-merkanzija li tghabbiet hija il-vettura tal-ghamla Jaguar bin-numru ta’ chassis taghha, izda ma tindikax fid-dettal l-accessorji kollha li kien fiha din il-vettura, kif indikati fid-Dokument BP1 esebit a fol.47 tal-process. Dan huwa *a clean bill of lading*, li min-natura tieghu jindika ukoll illi meta l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur, din ma kien fiha l-ebda nuqqasijiet jew hsara.

Illi fit-*tally sheet* u ukoll fil-*Gate Pass Out*, hemm indikazzjoni cara illi din il-vettura kellha wiehed mill-accessorji taghha nieqes, u cioe’ it-telefon cellulari, kif ukoll kellha tbajja fuq il-*luggage boot*. Dawn il-fatti gew ikkonfermati mix-xhieda li raw din il-vettura *a tempo vergine* u cioe’ it-*tally clerk*, Brian Pace u is-*surveyor* Paul Ellul. Inoltre ix-xhud Peter Bonello jikkonferma l-awtenticita’ tad-dokumenti esebiti.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-*clean bill of lading*, igib mieghu il-presunzjoni illi l-merkanzija li tkun giet ricevuta abbord, hija f’kundizzjoni tajba u allura huwa mistenni illi hekk tigi skarikata. Illi ghalkemm il-polza ta’ kariku f’dan il-kaz ma tindikax illi hemm telefon cellulari fiha, madanakollu ma jidhirx illi fl-istess polza gew indikati l-accessorji kollha ta’l-istess vettura, izda hemm biss indikat l-ghamla taghha u in-numru tac-*chassis*. Illi ghalhekk kieku stess kien hemm xi nuqqas jew hsara f’dan il-mument u cioe’ fil-mument illi l-vettura itellghet abbord, zgur illi l-istess kien jigi indikat fil-polza, haga li ma saritx u ghalhekk huwa prezunt illi l-merkanijza itellghet f’kundizzjoni tajba.

Illi kif gie deciz f’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Noel ellul noe vs James Gollcher et.noe.et.noe.; “Il-polza ta’ kariku tirrapprezenta l-merkanzija u taghmel prova tal-karikazzjoni, kif hekk *del resto* jistabbilixxi l-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc. Konsegwentment in kwantu prova tat-trasport permezz ta’ dan id-dokument il-kaptan tal-vapur jobbliga ruhu li jikkonsenja l-merkanzija fil-port tad-destinazzjoni fl-istess kundizzjoni li tghabbiet u lil min ikollu dritt ghaliha skond it-termini ta’l-istess polza.”

Illi meta l-merkanizija wasslet Malta imbagad, gew rimarkati mil-mument li nizzlet minn fuq il-vapur zewg difetti u cioe' illi kien hemm it-telefon cellulari nieqes u li l-*luggage bott* kien ittebba'. Illi kif gie deciz f'sentenza ohra moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Reginald Micallef et. noe. vs Godwin Abela et. noe:
"Hi gurisprudenza pacifika li fil-kaz ta' danni f'merkanzija trasportata bil-bahar, jezistu zewg mumenti fokali sabiex tigi stabbilita r-responsabbilta' relattiva. Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova li ghandha *juris tantum* tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kumpilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-*tally sheet*; u ghat-tieni moment, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi ikkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lil Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircevi – Il-*Gate Pass Out*.

Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi u li jorbtu il-partijiet kollha fil-kawza, li ghandhom l-opportunita f'waqtha, *a tempo vergine*, li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta'l-istat ta' fatt. Provi a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-presunzjoni "*juris tantum*" li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici; dokumenti li gew kompilati tempestivament u fil-mumenti opportuni."

Illi is-socjeta konvenuta ghalhekk ma irnexxiliex tressaq provi konvincenti li jistghu jindikaw illi l-vettura ma kellhiex l-accessorju indikat meta tghabbiet fuq il-vapur, u kwindi il-prova kif stabbilta fid-dokumenti esebiti kif konfermati mix-xhieda relattivi, u senjatament it-*tally sheet* u l-*gate pass out* huma prova konklussiva illi kien hemm in-nuqqas allegat min-naha attrici.

Illi dwar il-quantum tad-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni stante illi d-danni li qed jigu reklamati jirreferu biss ghat-telefon cellulari li mid-Dokument GM3 jidher li jiswa Lm381.81, liema dokument ma giex ikkontestat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-socjeta konvenuta nomine thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm381.81), bl-imghaxijiet mill-11 ta’ Gunju 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------